# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 21**

**Avviz numru 592/01mm**

**Joseph Cuschieri u martu Maria Cuschieri**

**Vs**

**Rowena D'Amico**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fid-19 ta' Gunju, 2001, fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta illi tkun iddikjarata responsabbli ghall-kollizjoni li grat fl-24 ta' Dicembru, 2000, Ta' Xbiex bejn il-vettura BOB 777 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura IAD 657 misjuqa mill-attur billi grat minhabba l-imprudenza, negligenza u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti da parti tal-konvenuta u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali u (2) ghaliex m'ghandhiex tkun ghalhekk kundannata thallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltin u disgha u tmenin centezmi

(Lm450.89) danni li sofrew l-atturi bhala konsegwenza tal-imsemmija kollizjoni kid jidher mid-Dok. A anness rilaxxat minn Gasan Enterprises Ltd fejn saret it-tiswija tal-vettura ta' l-atturi.

Bl-ispejjez, komprizi tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Frar, 2001, u tal-ittra ufficjali kontestwalment mibghuta lill-assikurazzjoni tal-konvenuta u bl-imghax ta 8% fis-sena mit-23 ta' Frar, 2001, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi l-incident awtomobilistiku li gara fl-24 ta' Dicembru, 2000, gara unikament tort u htija tal-attur Joseph Cuschieri meta hu baqa' diehel fuq il-parti posterjuri tal-karozza tal-eccipjenti, kif jista' jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fl-24 ta' Dicembru, 2000, fi Triq Kosbor, Ta' Xbiex bejn il-karozza bin-numru

tar-registrazzjoni IAD 657 ta' l-ghamla Mazda misjuqa mill-attur u il-karozza bin-numru tar-registrazzjoni BOB 777 ta' l-ghamla Volkswagen Polo misjuqa mill-konvenuta.  L-incident gara ezatt fil-kantuniera kif jidher fir-ritratti minn Fol. 21 et sequitur.

L-attur xehed illi kien qieghed isuq il-karozza tieghu u ried jidhol fi Triq il-Kosbor.  Meta wasal f'tarf din it-triq ra l-karozza tal-konvenuta tirriversja 'l fuq.  Ghalhekk waqqaf il-karozza tieghu, izda din il-karozza xorta baqghet gejja u baqghet diehla go fih.

Il-konvenuta min-naha l-ohra, tghid illi huwa minnu illi hija daret il-kantuniera ghal go Triq il-Kosbor, izda mument minnhom ezitat ghaliex hasbet illi t-triq hija *one-way* u ghalhekk waqqfet il-karozza. Kien propju dak il-mument jew ftit attimi wara illi dahal fiha l-attur Joseph Cuschieri.  Hija nnegat illi hija ghamlet xi apologija jew inkella b'xi mod assumiet ir-responsabilita' ta' dan l-incident.

Fost ix-xhieda prodotti hemm sensiela ta' ritratti illi juru l-karozzi mumenti wara l-incident.  Dwar dawn, l-attur xehed illi wara l-incident, meta missier il-konvenuta sema' li l-attur kien qed jallega illi l-konvenuta telghet bir-reverse, dahal fil-karozza taghha, nehha l-*gear* mir-*reverse position* biex b'hekk tefa' r-*reverse lights*.  Nizzel ukoll il-*handbrake* u il-karozza nizlet ftit 'il quddiem.  Ir-ritratti li hemm esebiti ttiehdu wara li l-karozza resqet 'il quddiem.  Hawnhekk l-attur donnu kellu ripensament peress illi fil-paragrafu ta' wara jghid illi r-ritratti ittiehu minn guvnott illi gie fuq il-post qabel ma' gie missier il-konvenuta.  Ghalhekk sostna li r-ritratti ttiehdu qabel ma l-karozza tressqet 'il quddiem.  Ghalhekk juru l-istat tal-karozzi ezatt wara l-habta.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti trid taghmel referenza ghal din ix-xhieda u ir-ritratti illi hemm esebiti u fit-tieni ritratt a Fol. 22 jidher f'kantuniera r-*reverse light* tal-karozza Polo.  Din ir-*reverse light* tidher mitfija u ghalhekk jekk dawn ir-ritratti ttiehdu qabel ma' gie l-missier fejn allura suppost il-karozza tal-konvenuta kellha jkollha r-*reverse lights* mixghulin, f'dan ir-ritratt dawn ma jidhrux hekk.

Ghalhekk jista' jaghti l-kaz illi l-verzjoni moghtija mill-konvenuta hija wahda veritjera.  Il-Qorti ghalhekk ghandha quddiema zewg verzjonijiet illi t-tnejn jistghu jkunu veritjeri.

F'din is-sitwazzjoni l-Qorti ma jistax ikollha konvinciment morali bazat fuq preponderanza ta' probabbiltajiet.  Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet <u>Francis Paul Ebejer Noe vs Malcolm Muscat</u> moghtija mill-Prim Awla fis-17 ta' Ottubru, 1997, fejn qalet illi f'materja ta' kollizjonijiet l-attur irid l-ewwel nett jaghmel il-prova li l-incident awtomobilistiku kien gara tort tal-konvenut.  Din il-prova trid issir dejjem u jekk ma ssirx b'mod sodisfacenti l-Qorti ma tkunx tista' tilqa' t-talbiet attrici.

Fl-isfond ta' l-istess verzjoni moghtija mill-attur, il-Qorti ma jidhirlhiex illi pprova b'mod sodisfacenti illi l-konvenuta kellha tort.  Jekk il-verzjoni ta' l-attur hija korretta u r-ritratti ttiehdu qabel ma gie l-missier u nehha l-karozza tal-konvenuta minn fuq ir-*reverse gear*, allura l-verzjoni moghtija mill-konvenuta tista' tkun korretta u dana

jimplika illi kien nuqqas ta' *proper lookout* da parti ta' l-attur stess illi kkawza dan l-incident.

Il-Qorti ghalhekk m'ghandhiex triq ohra hlief illi tiddikjara li l-attur ma rnexxilux jipprova fi grad li trid il-ligi li l-konvenuta kellha tort.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief illi tichad il-talba ta' l-atturi.

Bl-ispejjez kontra taghhom.

Anthony Zammit
Deputat Registratur